FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

12 ta' Settembru 2014

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Il-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana nzammet **nhar il-Hamis 11 ta` Settembru 2014 fil-5.00pm** L-agenda ghal din il-laqgha kienet din :-

1. Monument tal-V18 (ta wara il-monument tal-Gwerra)
2. L-Gheluq ta Gnien il-Mall

Ghal-Laqgha Straordinarja tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **s-Sindku Nigel Holland, u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili, Vincent Borg u Edward Torpiano, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv**

**Il-Vici Sindku Matthew Paris ma setax ikun prezenti minhabba ragunijiet ta' safar.**

**Bidu tal-laqgha:**

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1. Monument tal-V18 (ta wara il-monument tal-Gwerra)

1.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah il-materja billi spjega li hu nnota li qed isir xoghol, quddiem il-gardjola, wara il-Monument tal-Gwerra. Huwa rrimarka li ghall-ewwel haseb li kien ser isir xi embelishment, izda wara li saret ir-ricerka necessarja, irrizulta li kien qed isir xoghol ta' monument tal-V18.

1.2 Is-Sindku rrimarka li l-Kunsill ma kienx notifikat b'dan l-izvilupp mill-MEPA. Dan ghaliex l-applikazzjoni il-Mepa saret b'Development Notification Order (DNO), minflok b'Full Development Permit (FDP). Sussegwentement, din ma gietx evalwata mill-konsulenti tal-Kunsill Lokali Floriana minhabba li applikazzjonijiet ta dan it-tip ma jigux evalwati, madankollu saret diskussjoni maghhom ricentament fuq dan il-kaz.

1.3 Is-Sindku Nigel Holland wera preokkupazzjoni rigward xkien ser isir ezatt minhabba li l-Kunsill ma kellux dettalji u evalwazzjoni mill-konsulenti. Fosthom kif ser jimpatta fuq il-vizwal tas-swar, tal-Gardjola, u l-isfond tal-Monument tal-Gwerra, u jekk hux struttura permanenti.

1.4 Is-Sindku Nigel Holland irrimarka ukoll kif saret applikazzjoni b'DNO u mhux FDP, f'zona ta konservazzjoni urbana, meta il-Kunsill dejjem kien mitlub jaghmel FDP f'kull kaz ta dan it-tip, fil-kaz tat-twahhil tal-bollards, u fil-kaz tal-embelishment ta' hdejn il-Polverista. Fuq il-kaz tal-bollards huwa fakkar li gewwa l-Belt kapitali, dawn saru ma kullimkien, u fil-kaz tal-Polverista huwa irrimarka li sussegwentament ghad-dewmien mehud, hemm cans li jintilef il-finanzjament mill-Awtorita' tad-Djar.

1.5 Is-Sindku Nigel Holland irrimarka li l-izvilupp ser isir fiz-zona li storikament kienet parti mill-Floriana, allura jekk hemm il-htiega, huwa ihoss li l-Kunsill ghandu jintervjeni, anke b'konferenza stampa, kif sar fil-passat bhal fil-kaz tal-Funtana tat-Tritoni.

1.6 Is-Sindku zied jghid li waqt il-Konferenza stampa, Il-Kunsill ghandu jsaqsi l-mistoqsijiet biex iwiegeb ghar-rimarki imsemmijin iktar 'il fuq.

1.7 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li tajjeb li dawn il-punti, flimkien ma punti ohra, jigu iccarati l-ghada waqt il-laqgha mal-Ministru Onor. Michael Falzon, li huwa responsabbli mill-MEPA. Huwa saqsa ukoll x'kien l-ezitu tad-diskussjoni mal-konsulenti taghna f'dan il-kaz.

1.8 Is-Sindku wiegeb li l-Konsulenti huma konvinti li din kellha ssir applikazzjoni FDP mal-MEPA u ghaldaqstant huma perplessi anke ghall-fatt li l-MEPA approvat applikazzjoni simili.

1.9 Is-Sindku wiegeb ukoll li hemm zewg mistoqsijiet ohra li jirrigwardaw taht liema klassi gie kklassifkat dan il-monument vis-a-vis l-applikazzjoni DNO, u jekk huwiex xi struttura temporanja.

1.10 Il-Kunsill qabel li dawn il-mistoqsijiet ghandhom jigu iccarati kif qal il-Kunsillier Vincent Borg, u nel-frattemp, il-Kunsillier Edward Torpiano ghandu jgib iktar informazzjoni fuq din l-applikazzjoni.

## 2. L-Gheluq ta` Gnien il-Mall

2.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah il-materja billi qal li l-Kunsill ghandu jiehu pozizzjoni fuq dan il-kaz.

2.2 Is-Sindku zied li jekk il-Gvern jiddeciedi li jaghlaq il-Gnien kif suggerit, xoghol il-Kunsill ghandu jkun li jissorvelja li jintlahqu l-objettivi, isiru gradi puliti ornamentali, etc. Madankollu, il-Kunsill ghandu juri l-pozizzjoni tieghu qabel.

2.3 Is-Sindku qal li kif diga tkellem waqt il-laqgha pubblika, huwa ma jistax jifhem kemm hu vijabbli dan il-progett: li jsiru gradi godda u ornamentali fuq meded kbar tal-gnien, biex issir il-manutenzjoni fuqhom, u biex jithallas bniedem biex ta kulljum joqghod jiftah u jaghlaq il-gnien, meta l-vandalizmu jista jigi evitat b'mizuri hafna aktar effettivi. F'dan il-kaz, il-fanali ta mal-hajt tal-gnien jistghu jigu protetti u mhux jibqghu mikxufin, jew jinbidlu u jigu iktar fl-gholi, u jitrangaw il-fanali li jirriflettu fuq il-monumenti, fanali li kienu difettuzi mill-ewwel u mhux gew vandalizzati.

2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg irrimaka li hu jippreferi li il-gnien jibqa' miftuh. Huwa zied jghid li biex tissolva l-problema ta' vandalizmu fis-sistema tal-irrigazzjoni, jista' jsir hedge tal-pjanti, jew bordura baxxa tal-hadid, kif kienet fl-antik.

2.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qablet mal-proposta. Hija ziedet tghid ukoll li l-Kunsill ghandu jkun ippreparat f'kaz li ma jkunx hemm qbil dwar is-suggerimenti tal-Kunsill.

2.6 Il-Kunsill qabel fuq il-proposti li gew diskussi izda qabel ukoll li jekk il-gvern jibqa deciz li jaghlaq il-gnien, ghandu jigu propost dan li gej:

- Ma jsirux cnut tal-gebel baxxi kif propost xi zmien ilu, izda jsiru biss gradi tal-hadid fil-passaggi.
- Isir il-progett kollu li jinkludi l-landscaping, kif propost mill-ELC u mill Ovorevoli Ministru Joe Mizzi
- Ftuh ghandu jsir bejn il-5.00am, massimu 6.00am
- Gheluq ghandu jsir fl-10.00pm fix-xitwa, u 12.00am fil-granet tas-sajf
- Il-hitan tal-gnub tal-gnien ma joghlewx b'tali mod li l-gnien jigi jifred il-Floriana fi tnejn, bhalma kien fi zmien l-imghoddi.

Il-laqgha ntemmet fis-17.45.

Nigel Holland
Sindku
Vici Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv